MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2008

Numru 596/2006

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Paul Miruzzi)

vs

Patrick Micallef

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat akkuzat talli:

1. fil-15 ta’ Gunju 2006, fil-ghodu, fl-Iklin ostakola jew xort’ ohra fixkel, jew ipprova izomm, jostakola jew jfixkel lill-ufficjal tal-MEPA (Malta Environment and Planning Authority) u lill-Ufficjali tal-Pulizija fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet taghhom taht l-Att 1 ta’ l-1992 u naqas milli jaghmel dak li ragjonevolment gie mitlub li jaghmel minn

dawn l-istess ufficjali ta’ l-MEPA u tal-Pulizija – bi ksur ta’ l-Artikolu 56(1)(d) ta’ l-Att 1 tal-1992;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkawza griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Charles Debattista, ufficjal tal-MEPA;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bi vjolenza jew theddid gieghel ufficjal pubbliku li jaghmel jew li ma jaghmilx xi haga li ghandha x’taqsam mal-kariga tieghu;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ kull xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f’kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli ta’ qabel l-Artikolu 95 tal-Kap 9, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fid-dmirijiet taghhom billi ma halliex lill-haddiehor jaghmel li b’ligi jkun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidhenza jew dan l-indhil ma’ kien jaqa’ taht disposizzjoni ohra tal-Kap 9 jew ta’ ligi ohra;

7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b’xi mod iehor mhux imsemmi band’ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-bon ordni hew il-kwiet tal-pubbliku;

Il-Qorti mitluba li f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuni hawn fuq imsemmija jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflokk il-piena applikabbli ghar-reat, turbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tiffissa l-istess Qorti.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom bghatt lill-imputat sabiex jigi gudikat quddiem din il-Qorti fin-nuqqas ta' oggezzjoni minn naha tieghu;

Semghet lill-Uffical prosekutur jiddikjara li ma kellux aktar xhieda;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema sommarjament;

Rat il-verbal tal-10 ta' Jannar 2008;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet kontra l-imputat jittrattaw:
- il-ksur tal-Artikolu 356(1)(d) tal-Kap 356 ossija li fixkel Ufficjali tal-MEPA fl-esekuzzjoni ta' xogholhom;
- li ikkaguna offiza gravi fuq wiehed mill-ufficjali (Artikolu 216 Kap 9);
- li ingurja jew hedded ufficjali pubblici fl-esekuzzjoni ta' xogholhom (Artikolu 95 Kap 9);
- li attakka u irresista persuni inkarigati minn servizz pubbliku (Artikolu 96 Kap 9);
- li ghamel offizi fuq il-persuni imsemmija fl-Artikolu 94 tal-Kap 9;
- li ikkommetta offizi kontravenzjonali bi ksur tal-Artikolu 338(dd)- ksur tal-bon ordni- u l-Artikolu 338(ee) – nuqqas li jobdi ordnijiet legittimi.

Fil-kuntest tal-imputazzjonijiet citati huwa bil-wisq car li ma treggix l-akkuza taht l-Artikolu 94 tal-Kap 9. Dwar il-bqija tal-imputazzjonijiet il-fatti huma kif ser jinghad: illi fil-15 ta' Gunju 2006 Ufficjali tal-MEPA akkompanjati minn Pulizija, marru fuq sit ta' garaxx mibni minghajr permess tal-MEPA sabiex titwettaq l-azzjoni ghad-demolizzjoni tieghu. Fil-kors ta' dan l-access u qabel ma' l-azzjoni bdiet titwettaq l-imputat aggredixxa lil Charles Debattista, 'enforcement officer tal-MEPA' u ikkagunalu feriti ta' natura gravi kif indikat fic-certifikati medici folio 59 u 60 tal-process. Din l-

aggressjoni giet sedata biss bl-intervent tal-Pulizija. Dan huwa fatt cert u accertat mhux biss mill-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat li fuqha ippersista ghal darba darbtejn izda konfermata minn xhieda presenti ghall-incident li fil-maggjor parti taghhom xehdu quddiem il-Qorti.

Issa fil-kors tax-xhieda jirrisulta mid-deposizzjoni tal-Ispettur prosekutur li l-imputat hassu aggravat minhabba li, kif allega mal-Ispettur, kien ghadda xi ammonti ta’ flus lill-‘enforcement officer’ sabiex jigu ssanati l-affarjiet, liema allegazzjoni sussegwentement u fil-kors tal-proceduri irtira inkondizjonatament. Madanakollu din il-Qorti mhiex impressjonata anzi tistqarr li l-posizzjoni tal-imputat irrendiet ruhha ferm aktar gravi ghaliex esponitu ghall-reati ferm aktar gravi minn dawk li qieghed jiffacja f’dawn il-proceduri. Jew l-imputat kellu l-konvinzjoni ta’ dak li stqarr jew jekk ma kellux missu kellu d-dekor li jaccetta kull azzjoni legittima tal-awtoritajiet minhabba l-azzjoni inkonsiderata tieghu li jibni minghajr permess.

Ghaldaqstant, anki fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat wara li kkonsidrat li ebda rinunzja tal-parti leza tista’ tagevolah billi r-reati odjerni huma kollha azzjonabbli ‘ex officio’, tiddecidi, li ssib l-imputat hati tal-akkuzi kollha kontrih dedotti – minbarra l-akkuza ipotizzata taht l-Artikolu 94 tal-Kap 9 . Wara li rat l-Artikolu 56(1)(d) tal-Kap 356, l-Artikolu 216, 95, 96, 338(ee), 338(dd), 17(b)(d)(h) tal-Kap 9 tikkundannah multa komplessiva ta’ 1164 euro ekwivalenti ghal Lm500.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------